**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' April, 2019

Rikors Guramentat numru : 29/13 AL

**A M B**

**vs**

**Direttur tar-Registratur Pubbliku,**
**H I M B (I.D. 241895 M)**
**u b'digriet tal-5 ta' Marzu 2013 l-Avukat Dr Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Alison Wadge gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tat-tifla minuri T B**
**u b'digriet tal-11 ta' April, 2019 gie kjamat fil-kawża X S X K EW S**
**K.I. 38594(A)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi fit-12 ta' Settembru 2011, twieldet T B kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid Dok A;
2. Illi omm il-minuri l-attrici hija mart il-konvenut H B pero' hija de facto separata minnu, Kopja tac-certifikat taz-zwieg qieghed jigi hawn anness u esebit bhala Dok B;
3. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid Dok A, il-konvenut H B huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifla minuri imsemmija u dan minhabba l-prezunzjoni li min jitnissel fiz-zwieg hu prezunt li hu wild il-konjugi kif kontemplat fl-artikolu 67 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali tal-minuri imsemmija m'huwiex il-konvenut H B;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i) Tiddikjara li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-konvenut H B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri T B;
ii) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri T B billi f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija dawn jithassru u jitnizzel X S X K EW S bhala missier it-tarbija ID 38594A.;

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi in vena preliminari, ghall-finijiet ta' kjarezza u kompletezza tal-ġudizzju, l-isem tar-raġel tar-rikorrenti ġie imniżżel kemm fl-okkju kif ukoll fir-rikors ġuramentat bħala H. Mill-Atti tar-Reġistru Pubbliku annessi ma' l-istess rikors jirriżulta li isem ir-raġel hu rreġistrat bhala H. Mill-istess atti jirriżulta wkoll illi t-tifla minuri T B twieldet fit-12 ta' Settembru 2011 u mhux fis-sena 2012 kif hemm imniżżel erronjament fir-rikors tar-rikorrenti. Inoltre fl-okkju tar-rikors l-isem tal-minuri hu imniżżel 'T' minflok 'T' kif

inhu imniżżel fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri. Għalhekk għandhom isiru il-korrezzjonijiet debiti kif elenkati hawn fuq fl-atti tar-rikors odjern;

2. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri T B, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta din l-Onorabbli Qorti; għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetici kif provdut fl- **Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid ta' T B, ir-raġel tar-rikorrenti H I M B kien fl-impossibilita' fiżika li jgħammar ma' martu jew li r-rikorrenti A M B kienet wettqet adulterju u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jeskludu lir-raġel tar-rikorrenti bħala l-missier naturali ta' l-imsemmija T B, u dan *ai termini* tal-**Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa bis-saħħa ta' l-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri T B ma jaqbilx ma' l-att tat-twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni 5230/11;

5. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li jiġu superati l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija, l-esponent xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri T, li r-rikorrenti tispeċifika min huwa l-isem eżatt ta' l-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ħa titlef l-istat ta bint imwielda u imnissla fiż-żwieg

tal-inqas għandha tkun taf min huwa l-missier naturali tagħha;

6. Illi bla ħsara ghal premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet *'the S'* li jinsabu qabel isem "H I M B", senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkancellati mill-Att tat-twelid bin-numru ta' reġistrazzjoni 5230 tas-sena 2011.

7. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentat tal-kuraturi deputati, li in forza taghha eccepew :

1. Illi huma, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri T B, mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina il-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat illi l-konvenut H I M B, minkejja li ġie debitament notifikat , naqas illi jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Illi għalhekk huwa kontumaċi, kif ġja ġie ddikjarat fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2013 .

Rat illi minkejja illi akkordat mhux inqas minn tmien differimenti sabiex l-attriċi tkun tista' tikkjama fil-kawża lil X S X K EW S li hija tallega illi huwa l-missier naturali tal-minuri, dana sar biss permezz ta' digriet mogħti fid-data tal-preżenti; Illi l-istess kjamat fil-kawża X S K EW S, debitament notifikat bir-rikors ġuramentat, ammetta t-talbiet tal-attriċi;

Rat illi minkejja li l-Qorti ordnat illi jsiru t-testijiet ġenetiċi tad-DNA bi spejjeż ugwali bejn l-attriċi u l-konvenut H I M B u ħatret lil Dottor Marisa Cassar għal dan l-iskop, l-ebda riżultati ta' testijiet ġenetiċi ma ġew ippreżentati fl-atti tal-kawża;

Rat l-affidavit tal-attriċi , fejn hija ddikjarat illi kienet u għadha miżżewġa lill-konvenut H I M B iżda fiż-żwieġ tagħhom inqalgħu diversi problemi tant illi ma setgħux ikomplu jgħixu taħt l-istess saqaf u li madwar disa' snin qabel, hija kienet telqet mid-dar matrimonjali; Minn meta telqet mid-dar, hija kellha relazzjonijiet intimi ma' diversi irġiel pero` qatt iktar ma' H; Meta ħarġet tqila bi T, hija kellha relazzjonijiet ma' ħaddieħor iżda qatt mal-intimat. Illi b'hekk tinsab ċerta illi T mhijiex bint il-konvenut H; T għandha kunjom żewġ ommha sempliċiment għaliex l-attriċi ma kinitx legalment separata minn miegħu, anke jekk kienu separati fattwalment.

Semgħet lil X S X K EW S , fejn dana kkonferma illi l-minuri T hija l-wild naturali tiegħu u li huwa jaqbel ma' omm il-minuri illi t-tifla għandha tieħu l-kunjom K. Ikkonferma illi huwa kellu relazzjoni intima mal-attriċi u frott ta' din ir-relazzjoni twieldet il-minuri li huwa jirrikonoxxi bħala bintu. Huwa ddikjara wkoll id-dettalji personali tiegħu , kif mitluba mill-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li huma s-segwenti:

1) Isem: X S
2) Kunjom: X K EW S
3) Id-dokument tal-identita`: Karta ta' l-identita` Maltija 38594(A)
4) L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri: tnejn u għoxrin (22) sena
5) Il-post tat-twelid tal-missier naturali: Gaża, Israel

6) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieldet il-minuri: Ħamrun, Malta
7) Isem u kunjom missieru: K EW
8) Jekk in-nannu patern kienx ħaj jew mejjet meta twieldet il-minuri: Mejjet

Semgħet lill-attriċi A M B fejn dina kkonfermat illi l-minuri T hija l-wild naturali ta' X S X K EW S. Ikkonfermat illi l-minuri ġiet konċepita minn relazzjoni li kellha miegħu u mhux mal-konvenut li ilha separata de facto minnu għal ċirka tlettax-il sena.

Semgħet lill-konvenut H I M B illi kkonferma illi huwa mhuwiex il-missier tal-minuri T u dan għaliex fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri huwa ma kienx jgħix mal-attriċi u ma kienx qiegħed ikollu relazzjonijiet sesswali magħha.

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-omm għaċ-ċaħda tal-paternita` tal-konvenut H I M B versu l-minuri T B. L-attriċi tikkontendi li minkejja li l-minuri tnisslet u twieldet matul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, din m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut, iżda minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment l-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili l-istess minuri ġiet imniżżla bħala bintu. Hija tikkonferma illi l-minuri hija bint naturali X S X K EW S. Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li H I M B mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri T B u jiġu sostitwiti bil-konnotati tal-missier naturali X S Xl K EW S.

Illi l-kawża odjerna, in vista li ġiet intavola mill-omm, u in vista wkoll li l-minuri ġiet imnissla fiż-żmien meta l-istess omm kienet miżżewġa lill-konvenut H I M B, tikkwalifika bħala waħda

msejsa fuq l-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili. Illi minkejja illi l-attriċi ma ressqitx it-talba tagħha fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija kif jirrikjedi l-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili, hija talbet, ai termini tal-ewwel proviso tal-istess Artikolu, l-awtorizzazzjoni lill-Qorti sabiex tipproċedi bil-kawża odjerna. Il-Qorti, wara li ikkunsidrat l-aħjar interess tal-minuri, laqgħet din it-talba permezz ta' digriet mogħti fid-data tal-preżenti.

Fil-mertu, jirriżulta illi fil-każ odjern il-Qorti ma tistax isserraħ fuq iċ-ċertezza tat-testijiet ġenetiċi illi jistabilixxu jekk il-minuri hijiex il-bint il-kjamat fil-kawża. Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern ma ġewx ippreżentati. Minkejja dan, il-Qorti hija xorta waħda moralment konvinta li l-minuri m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut B iżda hija l-bint naturali tal-kjamat fil-kawża. Oltre l-affidavit tal-attriċi, il-Qorti tirreferi wkoll għax-xhieda ġuramentata tal-partijiet illi lkoll qablu u kkorraboraw il-verżjoni tal-attriċi. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi.

Illi rigward il-kunjom li għandha tassumi l-minuri, bid-diskrezzjoni mogħti lilha mit-tieni proviso tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti qiegħda tordna illi l-minuri T B issir mill-preżenti magħrufa bil-kunjom X K EW S.

DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-Kuraturi Deputati kif ġej:

1. Tiddikjara illi l-minuri T B imwielda lill-attriċi nhar it-12 ta' Settembru 2011, m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku ta' żewġ l-attriċi, il-konvenut H I M B;

2. Tiddikjara illi l-minuri T B imwielda lill-attriċi nhar it-12 ta' Settembru 2011, hija il-wild naturali u bijoloġiku tal-kjamat fil-kawża X S X K EW S K.I. 38594(A);

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-istess T B, jikkanċella l-konnotati kollha ta' H I M B bħala l-missier u minflok jinserixxi il-konnotati kollha ta' X S X K EW S kif elenkati iktar 'il fuq f'din is-sentenza;

4. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-istess att tat-twelid tal-minuri T, jikkanċella il-kliem "the S" mill-konnotati tal-omm;

5. Tordna illi l-minuri tkun magħrufa bil-kunjom X K EW S;

Bl-ispejjeż, inkluż tal-Kuraturi Deputati, kontra l-attriċi A M B u l-kjamat fil-kawża X S X K EW S.